# GUŻÈ DIACONO KELLU IMĦABBA KBIRA LEJN ILSIEN ART TWELIDU

PATRI HERMANN DUNCAN O.CARM



Gużè Diacono twieled fil-Belt Valletta nhar l-24 ta' Novembru tal-1912, minn Franġisk Saverju u Victoria mwielda Meli. Huwa studja fl-iskola Stella Maris f'Tas-Sliema mmexxija minn De La Salle Brothers. Iktar tard beda jattendi St Paul's College, il-Belt, kif ukoll fl-Università ta' Malta, fejn iggradwa bħala prokuratur legali fl-1938. Però Diacono, flok għażel il-professjoni legali wara li ggradwa, intefa' b'ruħu u b'ġismu għall-ġurnaliżmu.

Gużè Diacono kien bniedem ta' paċenzja kbira. Kien iħobb jagħmel l-affarijiet bl-eżatt. Kellu imħabba kbira lejn il-mużika klassika u kellu wkoll kollezzjoni ta' diski u ta' opri. Kien dilettant tal-isports kif ukoll partitarju kbir tat-tim Slimiż kif ukoll tat-tim Ingliż tal-futbol.

Diacono qabad il-karriera ta' ġurnalista mal-Allied Malta Newspapers fil-1938. Tul iż-żmien li għamel hawnhekk, kien editur tal-aħbarijiet tat-Times of Malta, kif ukoll editur tas-Sunday Times of Malta. Barra hekk għamel xi żmien fejn kien korrispondent tar- Reuters. Matul il-gwerra, jiġifieri mill-1939 sal-1945, waqqaf paġna sportiva bil-Malti fil-gazzetta Il-Berqa.

Aktar tard kien beda jikteb ta' kuljum paġna tal-fiction, li bdieha bit-traduzzjoni tar-rumanz famuż The Rosary ta' Florence Barclay. Huwa baqa' jaħdem mal-Allied Newspapers sal-1966.

Diacono kien l-ewwel editur tal-gazzetta tal-knisja Il-Ħajja għal tlett snin, mill-1965 'il quddiem. Barra hekk kien jieħu ħsieb li jirreklama għall-gazzetta Il-Ħaddiem fl-1966. Insibuh ukoll għalliem tal-letteratura Maltija fl-Università ta' Malta fl-1975 u wara fil-Kulleġġ ta' Stella Maris. Barra hekk huwa xandar diversi taħditiet fuq ir-Rediffusion fis-serje Kotba x'taqra u tagħrif u Tagħlim dwar l-arti tad-drama.

Gużè Diacono kien membru tal-Akkademja tal-Għaqda Kittieba tal-Malti u kon-fundatur tal-Għaqda ta' Awturi Maltin. Diacono kien fil-kummissjoni biex b'hekk jiġi standardizzat l-ilsien Malti. Huwa reġa' rreveda u ppubblika l-ħames volumi tad-Dizzjunarju mill-Ingliż għall-Malti tal-Professur Mons. Karm Psaila.

Sas-seklu għoxrin Gużè Diacono kien wieħed mill-iktar kittieba prolifiċi Maltin. Insibuh bħala kittieb ta' diversi drammi, novelli, essays, traduzzjonijiet u kritika letterarja u drammatika. Fost il-ħafna kitbiet kritiċi tiegħu nsibu dawn, Il-Martri tal-Uganda (1964), Wara Ibsen (1972) u Il-Fidwa tal-Bdiewa ta' Ninu Cremona (1972) .

Bħala novelli kiteb bosta bħal Dinja Tiegħu, Seba' Sigħat, Ulied il-Qanfud u Pjanista u Mara. Fl-1993 ħareġ ġabra ta' novelli qosra bl-isem ta' Dik is-Sigra Mħattba.

Diacono kien ukoll studjuż tal-ilsien Malti u fl-1977 ħareġ il-ktieb bl-isem Għeltijiet u Barbariżmi fil-Malti.

L-iktar ħaġa li jibqa' magħruf għaliha huma d-drammi tiegħu u l-mod kif fetaħ id-drama Maltija lejn fruntieri ġodda, lil hinn mill-kitba tradizzjonali u konservattiva. Fost id-drammi tiegħu insibu Ir-raġel li kienet tħobb (1954), L-Ewwel Jien (1963), L-Għarusa (1964) u t-teleserial famuż Il-Madonna taċ-Ċoqqa (1979) li kien muri fuq it-televiżjoni Maltija. Tajjeb li ngħidu li f'dan ix-xogħol Diacono wera ħiltu meta juri l-bniedem li jkun iffaċċjat minn istituzzjoni qawwija bħalma hija l-knisja. Hawnhekk huwa juri li l-imħabba tirbaħ fuq kollox, ukoll meta jiltaqa' ma' diversi tfixkil.

Ġużè Diacono ħaseb biex jikteb dan il-kapolavur wara li ħadulu biċċa art. L-istorja ta' Karmnu ta' Randu, li fuq kollox kien jagħmel kollox għall-festa u għall-knisja, spiċċa miċħud mill-art li kienet tagħti l-ħobżna ta' kuljum lilu u lill-familja tiegħu.

L-ikbar kontroversja li nsibu f'dan id-dramm huwa l-fatt li l-protagonista Rita kellha relazzjoni ma' Marjanu li kien novizz reliġjuż. F'dan is-serje naraw li Rita kellha twelled tarbija fil-kampnar tal-knisja. Dan is-serje ħalla impatt qawwi fuq il-poplu Malti għax kien diffiċli jagħmlu distinzjoni bejn l-atturi u l-ħajja reali u din ġabet persekuzzjoni fuq Diacono, u oħrajn li ħadmu fih, tant li minħabba l-persekuzzjoni li ġarrbu, l-attriċi prinċipali u r-raġel tagħha li kien id-direttur, kellhom jemigraw lejn l-Awstralja bit-tfal tagħhom.

Tajjeb li ngħidu li għalkemm dan it-teleserial kien tant provokattiv, xorta waħda n-nies kienet tħobb tarah.

Il-President Ugo Mifsud Bonnici fil-1997 kien tah il-ġieħ tal-Ordni Nazzjonali ta' Mertu minħabba l-kontribuzzjonijiet kbar tiegħu lejn is-soċjetà Maltija.

Fl-aħħar ta' ħajtu huwa għaddihom fid-Dar tal-Anzjani fil-Furjana fejn għadda għall-ħajja ta' dejjem nhar is-16 ta' Novembru, 2002.

Hemm ħafna iktar xi tgħid dwar xogħlijiet oħra li kiteb dan il- bniedem iżda f'artiklu daqshekk żgħir impossibli issemmihom kollha.

Dan il-bniedem jistħoqqlu ġieħ kbir għax mexxa' 'l quddiem l-ilsien Malti b'kull mod.